**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 6**
**Rikors Nru. 637/2020 JZM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

***kontra***

**Wave Bet International Limited (C27747)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors pprezentat fit-28 ta` Lulju 2020 li jaqra hekk :–

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta` Talbiet li ghandhom x`jaqsmu ma` Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra tas-16 ta` Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta` irkupru ta` taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta` Stat Membru partikolari li jinsabu f`territorju ta` Stat Membru iehor, u mizuri ohra.*

*Illi din id-Direttiva giet implimentata fil-Ligi ta` Malta permezz tal-Ordni ravvizat fl-Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviz Legali dahal fis-sehh fl-ewwel (1) ta` Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli ghall-Finanzi u ghas-Servizzi Finanzjarji, bhala l-awtorità kompetenti, sabiex jigbor taxxa dovuta fi Stati Membri ohra fejn id-debitur jinsab gewwa Malta.*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Awstrija, ossija l-awtorita` applikanti, ghamlet talba ghall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f`isem il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi u ghas-Servizzi Finanzjarji, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti.*

*Illi l-kumpannija intimata ghandha taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti tal-Awstrija fl-ammont ta` seba` miljuni, hdax-il elf, u hmistax-il Euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€7,011,015.23), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bhala Dok. A, oltre interessi skont il-ligi.*

*Illi l-kumpannija intimata hija indikata li tinsab gewwa Malta u ghalhekk l-esponent qed jipprocedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta` Malta ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviz Legali.*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta` din it-talba ta` irkupru gew imharsa r-rekwiziti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva.*

*Illi, madanakollu, l-kumpannija intimata ghandha dritt ghal traduzzjoni tal-istess dokument anness f`wahda mil-lingwi ufficjali tal-Unjoni Ewropea jew ta` Malta. Fir-rigward ta` dan qieghed jigi allegat dokument ma` dan ir-rikors, u immarkat bhala Dok. B sabiex l-kumpanija intimata tkun specifikament infurmata illi tali rikjesta ghandha ssir fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta` notifika tal-imsemmija dokument anness.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviz Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta` dan ir-rikors*

*flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u B jigu notifikati lill-kumpannija intimata skont id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-registrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A bhala kopja ufficjali taghha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Awissu 2020.

Rat id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja Nru. 2010/24/UE u tal-Avviz Legali Nru. 153 tal-2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Illi fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020, ir-Ricevitur Ufficjali Av. Kevan Azzopardi ddikjara li fil-31 ta` Ottubru 2016, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ddikjarat ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata. Fil-provvediment taghha, il-qorti hatret lilu bhala stralcjarju. Iddikjara wkoll illi ma prezentax risposta fil-procediment odjern ghaliex mill-atti tal-istralc ghandu jirrizulta illi l-awtoritajiet fiskali tal-Awstrija, li ghandhom *claim* kontra s-socjeta` intimata, diga` huma registrati bhala kredituri tal-kumpannija de qua.

Illi wara li rat l-atti tal-istralc li ghalihom irrefera r-Ricevitur Ufficjali jirrizulta li t-taghrif li nghatat fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020 huwa korrett.

Illi jidher li fil-kaz tal-lum kienu osservati r-rekwiziti tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja Nru. 2010/24/UE u tal-Avviz Legali Nru. 153 tal-2012.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent sejra tkun milqugha favorevolment.

Illi fl-istess waqt jidhrilha opportun illi tosserva u tirrimarka li, anke jekk jinkiseb titolu ezekuttiv bhala effett tal-procediment odjern, il-**ksib** ta` titolu ezekuttiv bil-procediment odjern m`ghandux jinftiehem li jfisser li b`mod awtomatiku r-rikorrent jista` jghaddi ghall-**ezekuzzjoni** tat-titolu ezekuttiv innifsu.

Illi dan qieghed jinghad ghall-fini tal-**massima kjarezza** ghar-raguni li procediment ta` stralc ta` kumpannija [u l-kumpannija de qua tinsab fi stat ta` stralc li huwa pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Kummerc)] huwa regolat bid-disposizzjonijiet tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema legislazzjoni ghandha titqies bhala *lex specialis* li tipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 153 tal-2012 abbazi tal-principju tad-dritt : *lex specialis derogat legi generali.*

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent kif dedotta, spejjez ghall-kumpannija intimata.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**